**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors Nru: 49/2015MV**

**Lucrezia sive Grace armla ta' Joseph Cassar (K.I. 538643M), Maria Dolores Piscopo (K.I. 326165M), Christine Piscopo (K.I. 98167M), Angela Baldacchino (K.I. 491868M), Anthony Cassar (K.I. 388270M) u Paul Cassar (K.I. 165473M)**

**Vs**

**Jasmine u Mariella ahwa Seguna**

**Illum, 04 ta' April 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Lucrezia sive Grace armla ta' Joseph Cassar K.I. 538643M), Maria Dolores Piscopo (K.I. 326165M), Christine Piscopo (K.I. 98167M), Angela Baldacchino (K.I. 491868M), Anthony Cassar (K.I. 388270M) u Paul Cassar (K.I. 165473M) ipprezentat fir-Registru ta'

dawn il-Qrati nhar il-25 ta' Mejju 2015 fejn ippremettew u talbu is-segwenti:

"1. Illi zewg ir-rikorrenti Maria Cassar, li jigi missier ir-rikorrenti l-ohrajn, kien ikkonceda l-fond bin-numru 76 (gja' bin-numru 55) f'Sacred Heart Street, Paola b'titolu ta' enfitewsi temporanja a favur ta' Nazzareno Seguna, missier l-intimati, in forza ta' kuntratt in atti n-Nutar Dottor Pierre Cassar tat-28 ta' Settembru, 1988, ghal zmien wiehed u ghoxrin sena, illum mejjet. Meta spicca z-zmien tal-koncessjoni enfitewtika tal-fond imsemmi, l-istess Nazzareno Seguna kompla jokkupa l-fond b'titolu ta' kiri skont il-ligi applikabbli, sakemm gie nieqes.

2. Illi l-intimati, ulied Nazzareno Seguna kif fuq jinghad, qeghdin jokkupaw il-fond imsemmi bil-pretensjoni li huma ntitolati li jissoktaw fil-kiri tal-fond wara l-mewt ta' missierhom.

3. Illi nfatti l-intimati m' ghandhomx id-dritt li jippretendu li ghandhom in rigward tal-kiri tal-fond.

L-esponenti ghalhekk jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu (i) prevja d-dikjarazzjoni li l-kiri tal-fond bin-numru 76 (gja' bin-numru 55) f'Sacred Heart Street, Paola, fuq imsemmi, ma ghaddiex f'idejn l-intimati skont il-ligi, (ii) tordna l-izgumbrament ta' l-intimati fi zmien qasir u perentorju li jigi fissat minn dan il-Bord, bl-ispejjez kontra l-istess intimati u bir-riserva espressa ta' kull dritt ta' azzjoni ghar-risarciment ta' danni kawzati."[1]

---

[1] A folio 1-2

Ra r-risposta[2] tal-intimata Jasmine Seguna datata 14 ta’ Lulju tal-process fejn eccepiet:

> “Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti sa minn tfulitha ghexet fil-fond residenzjali mertu ta’ dawn il-proceduri ossia, 76, Sacred Heart Street, Paola u kienet tghix fil-fond in kwistjoni flimkien ma’ missierha Nazzareno Seguna sad-data tal-mewt tieghu, ossia l-1 ta’ Awissu 2014 u ghadha tirresjedi hemm sal-lum u ghalhekk hi fid-dritt li tkompli l-kera ai termini tal-Artikolu 1531F tal-Kap 16. tal-Ligijiet ta’ Malta.
>
> Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Bord jichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.”

Rat in-nota ta’ Mariella Seguna tal-15 ta’ Lulju 2016 fejn iddikjarat li hija ma kienitx qed tirrisjedi fil-fond *de quo* ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin u ma ghandix intenzjoni li tirritorna fih u allura ma ghandhiex tehel l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.[3]

Ra l-atti kollha.

Ra l-affidavits u ix-xhieda tal-partijiet.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

---

2 A folio 16 tal-process
3 A folio 19 tal-process

Ra li ghalkemm il-Bord ta zmien lill-partijiet biex jaghmlu is-sottomissjonijiet taghhom naqsu li jaghmlu dan fiz-zmien stipulat.[4]

Ra r-rikors tal-intimata Jasmine Seguna datat 26 ta' Ottubru 2022 fejn talbet zmien biex taghmel nota ta' sottomissjonijiet u l-Bord issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza li kellha issehh fit-8 ta' Novembru 2022 u kkonceda lill-intimata sal-15 ta' Dicembru 2022 biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha.[5]

Ra in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[6].

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Fatti fil-Qosor**

Ir-rikorrenti huma propjetarji tal-fond 76 (gja bin-numru 55) f'Sacred Heart Street Paola. Dan il-fond kien gie mghoddi b'enfitewsi temporanja a favur Nazzareno Seguna minn missier ir-rikorrenti. Meta spicca z-zmien tal-koncessjoni enfitewtika missier l-intimata Jasmine Seguna kompla jokkupa il-fond b'titolu ta' kera. Hu gie nieqes fl-1 ta' Awwissu 2014 u l-intimata Jasmine Seguna kompliet tirrisjedi fil-fond u tghid li fil-fatt dejjem kienet tghix hemm u qatt ma telqet. Ir-rikorrenti jiddikjaraw il-kuntrarju u jinsistu ghall-izgumbrament taghha ghax isostnu li hija kienet telqet u mhux vera tirrisjedi hemmhekk. Hemm qbil li l-fond huwa fi stat hazin ta' manutenzjoni pero' ma hemm l-ebda kawzali f' dan is-sens.

---

4 A folio 159 tal-process
5 A folio 163 tal-process
6 A folio 166 u 170 tal-process

**Provi**

Xehed **Reuben Bonnici** waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2017. Hu pprezenta numru ta' dokumenti. In kwantu dokumenti tal-ARMS jibdew mill-24 ta' April 2010. Qabel kien hemm kontijiet mill-Water Services. Fuq il-fond kien hemm kont pendenti ta' tliet mija, hamsa u tmenin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€385.43).[7]

Xehdet **Jasmine Seguna** waqt is-seduta tal-24 ta' April 2017 u tghid li hija bint Nazzareno li miet fl-1 ta' Awwissu 2014.[8] Tghid li missierha qatt ma ha hsiebu l-post u hija ma tistax taghmel affarijiet fih sakemm tinqata' din il-kawza. Tghid li l-post fih xi hsarat u riedet li r-rikorrenti isibulha post iehor ghax hu kbir ghaliha u fil-fatt qed torqod fuq is-sufan. Tghid li l-post pero' mhux ikkundannat.

Xehdet **Christine Piscopo** waqt is-seduta tal-24 ta' April 2017.[9] Iddikjarat li hija tigi bint Joseph Cassar li kien ta' b'cens il-fond mertu ta' dawn il-proceduri lil Nazzareno Seguna. Imbaghad ghalaq ic-cens u ghamililu b'kera doppja. Missierha xtaq li l-post jigi ghandu meta gie nieqes Nazzareno pero' miet qabel l-inkwilin, ossija, fit-23 ta' Gunju 2014. Hu kien sseparat u kien jghix wahdu pero' meta miet u marru ghac-cwievet it-tifla tieghu qaltilhom li ghandha l-karta tal-identita' fuq il-fond. Kient hija, ohtha Angele u ommha li kienu marru jaraw lil Jasmine Seguna wara l-mewt ta' missierhom. Ippreferew li ma jidhlux fi qrati. Dahhlu fil-proprjeta' u sabuh zdingat u l-intimata Jasmine stess qaltilhom li l-post tajjeb biss ghat-twaqqigh u li qed torqod fuq is-sufan ghax il-post fil-parti ta' fuq tistkerrhu.

---

7 A folio 26 tal-process
8 A folio 35 tal-process
9 A folio 38 tal-process

Gie esebit ukoll affidavit ta' Christine Piscopo fejn fis-sustanza ikkonfermat dak li qalet *viva voce* quddiem dan il-Bord.[10] Ziedet tghid li ghall-ewwel riedet li jaghtuha post iehor b'kera baxxa u mbaghad talbithom hmistax-il elf Ewro (€15,000).

Xehed **il-Perit Mario Cassar** waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2018 fejn qal li kien gie inkarigat mir-rikorrenti biex jaghmel access fil-fond de quo.[11] Il-hsarat li hemm fil-fond huma kkawzati minn nuqqas ta' manutenzjoni regolari f'dawn l-ahhar ghoxrin sena. Fis-soqfa qed jidhol l-ilma ghax hemm ingress ta' l-ilma mill-kontra bejt. L-istima tal-hsarat hija b'Ewros u kien hemm zball minn-naha tieghu. Il-Perit Cassar jghid li il-post infetah mill-intimata Jasmine Seguna. Fil-kamra tas-sodda kien hemm hwejjeg pero' s-sinjorina intimata qaltlu li kienet torqod banda ohra. Jghid li l-inkarigu tieghu kien limitat ghall-hsarat.[12]

Regghet xehdet l-intimata **Jasmine Seguna** waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju 2018.[13] Tikkonferma li missierha qatt ma ha hsieb il-fond u ghalkemm hija tixtieq tirrangah minhabba l-kawza qed tistenna. Tghid li s-sidien la kellmithom u lanqas kellmuha. L-intimata Seguna regghet xehdet fit-23 ta' Ottubru 2018.[14] Hija tghid li marret ghand Jovin Aluminium fis-16 ta' Frar 2015 pero' ma ghamlet xejn minhabba li infurmawha li fi zmien xahar rieduha tohrog minn hemm u l-kera qatt ma accettawha. Hija tghid li taghmel affarijiet li huma strettement essenzjali u li huma ta' periklu ghaliha. Tikkonferma li semmiet il-*key money* u li bil-paga taghha ma tistax tikri post iehor. Gie pprezentat affidavit ta' Jasmine Seguna datat 12 ta' Marzu 2019.[15] Tghid li fil-fond kienu

---

[10] A folio 43 tal-process

[11] A folio 47 tal-process

[12] A folio 52 gie esebit ir-rapport peritali ta' Mario Cassar. Il-hsarat huma kwantifikabbli ghal disat elef Ewro (€9,000).

[13] A folio 68 tal-process

[14] A folio 72 tal-process

[15] A folio 86 tal-process

joqghodu missierha, ommha, hija u ohtha. Taghti rendikont tal-episodji ewlenin ta' hajjitha u kif huma relatati mal-fond u tghid li ohtha Mariella baqghet tghix fil-fond sa ftit snin ilu sakemm telqet tghix ghal rasha. Tghid ukoll li il-genituri taghhom isseparaw meta kienu zghar u huma baqghu jghixu fil-fond ma' missierhom.

Xehed permezz ta' affidavit **Sebastian Formosa** li ghandu garaxx vicin il-fond mertu tal-proceduri u jghid li jaf lill-familja Seguna u li Jasmine ilha tghix fil-fond u dejjem ghexet hemm.[16]

Xehdet **Marie Briffa** permezz ta' affidavit li tghix vicin il-fond mertu ta' din il-kawza u ilha tghix hemm mill-1954. Hija taf lill-familja Seguna u tiddikjara li Jasmine dejjem ghexet fil-fond.

Xehed **Savio Borg** waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2019 ghan-nom tal-Ufficcju Elettorali.[17] Hu jghid li skond id-dokumenti u l-informazzjoni taghhom matul dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena hija kienet registrata f'diversi postijiet. Fl-1999 kienet registrata 'Maranatha', Triq il-Malvizz, il-Fgura. Fl-2001 bdiet tirrisjedi fi 55, Triq il-Qalb ta' Gesu', Rahal il-Gdid Paola u fl-2006 f'19, Sqaq Brittaniku, numru tlieta (3), Hal Tarxien. Fl-2007 kienet registrata f'76, Triq Qalb ta' Gesu, Rahal il-Gdid u ghadha hekk sar-registru tal-2018.

Xehdet **Maria Victoria sive Marvic Seguna** permezz tal-affidavit li hija omm l-intimata Jasmine Seguna. Tghid li bintha dejjem ghexet fil-fond *de quo* ghalkemm kien hemm perjodu meta xtrat post Hal Tarxien li kien tal-partner tax-xhud pero' mill-ewwel bdiet tfittex il-bejgh tieghu.[18]

---

[16] A folio 97 tal-process
[17] A folio 100 tal-process
[18] A folio 120 tal-process

Xehdet **Mariella Seguna** oht l-intimata Jasmine Seguna permezz tal-affidavit li kkonfermat li ohtha dejjem ghexet fil-fond u li hija telqet minn hemm meta kellha xi 23 sena. Tghid li kienet xtrat post Hal-Tarxien pero' peress li ma kienitx qed tlahhaq mas-self u fil-fatt baqghet tghix fid-dar ta' missierha.[19]

Xehdet **Mary Anne Saffrett** permezz tal-affidavit tghid li hija kienet il-kompanja ta' missier l-intimata Jasmine Seguna u fl-ahhar snin ta' hajtu kienet tghix mieghu fil-fond *de quo*. Tiftakar li Jasmine minn dejjem tghix hemm u sa fejn taf hija trabbiet hemm ukoll.[20]

Xehdet **Diane Ghio** permezz tal-affidavit u tghid li hija dejjem taf lil Jasmine tghix fil-fond fi Triq Qalb ta' Gesu' Rahal il-Gdid. Tghid li ilha tahdem mal-intimata ghal dawn l-ahhar 20 sena.[21]

Xehdet ghal darb' ohra **Jasmine Seguna** fil-15 ta' Ottubru 2019 fejn qalet li ghal xi zmien ghexet ma' ommha sakemm kella madwar 14-il sena pero' wara marret lura tghid ma' missierha fil-fond mertu tal-kaz u dan fuq ordni tal-Qorti.[22]

Xehed **Anthony Cassar** fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021 u jghid li l-kera kienet tigi tatiehilhom u jghid li s-siehba ta' Nazzareno Seguna kienet tghaddilu il-kera ghax kellu il-hanut vicin fejn kienet tahdem hija. Din il-mara kienet tahdem mal-agenzija Citadel ta' Rahal il-Gdid. Jikkonferma li darba staqsa lil Maryann Saffrett dwar il-fond u min kien joqghod fih wara l-mewt ta' Nazzareno Seguna. Hu jispjega li kien staqsa

[19] A folio 121 tal-process
[20] A folio 125 tal-process
[21] A folio 128 tal-process
[22] A folio 129 tal-process

fuq l-intimata ghax ma jahsibx li toqghod hemm ghax id-dar qisha abbandunata. Jghid li meta mar ihabbat il-bieb tad-dar hadd ma fetahlu.[23]

Xehdet **Jasmine Seguna** ghal darb' ohra waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2022.[24] Hija tghid li hija *single* u li qatt ma kellha *partner*. Tikkonferma li hija qatt ma harget minn hemmhekk. Tghid li l-indirizz tal-Fgura fejn kienet tghix ma' ommha u Rahal il-Gdid ma kellhiex iehor. Tikkonferma li kellha post Hal-Tarxien u ma lahqitx mal-*loan* u bieghtu. Dan il-post xtratu bl-intenzjoni li tghix fih pero' peress li hija bil-paga minima bieghtu wara tlett snin. Hija tahseb li marret tghix fih xi hames xhur pero' ddejqet u marret lura ghand missierha. Tghix li fil-fond tghix hija u l-qattusa.

**Ikkunsidra:**

Illi l-intimata sserrah id-difiza taghha fuq l-artikolu 1531F tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta li kien jaghti protezzjoni kwazi assoluta lil kull min kien jghix fid-dar ta' abitazzjoni ma' inkwilini rikonnoxuti bil-ligi. Fil-fatt fid-decizjoni **Pio Le Brun et vs David Brydon** (Citazzjoni 315/2011) deciza fid-9 ta' Lulju 2014 per Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi kien intqal:

> *"Illi in subiencta materia, Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk fil-kawza '**Carmelo Agius vs John Agius**' deciza fit-2 ta' Dicembru 1994, fejn jinghad illi:*
>
> *'Illi l-konvenut irid jipprova li:*
>
> *1. Hu kien membru tal-familja;*

[23] A folio 145 tal-process
[24] A folio 160 tal-process

> 2. *U li hu kien joqghod mal-inkwlin fiz-zmien tal-mewt taghha.*
>
> *Il-ligi bl-artikolu 2 (tal-Kap. 69) ma tesigi ebda minimu ta' zmien ta' ko-abitazzjoni biex membri tal-familja tal-inkwlin ikollhom dritt favur taghhom ghar-rilokazzjonital-post lokat; izda trid biss li dawn il-membri, jkunu joqghodu' mal-inkwilini originali. Fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-ligi l-kelma 'toqghod' trid titqies fis-sinifikat ordinarju taghha, cjoe' li wiehed ikun joqghod permanentement fil-post u li wiehed jikkonsidera l-post bhala r-residenza ordinarja u normali tieghu' (ara s-sentenza* ***Cutajar vs Rapa,*** *Prim Awla, 17 ta' Ottubru 1972).*
>
> *L-element tar-residenza gie nterpretat mill-gurisprudenza taghna fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm 'mere physcial presence' imma l-post kien 'permanently his ordinary residence' u 'his only residence'."*

Illi ma hemmx dubbju li l-intimata Jasmine Seguna hija wild id-defunt Nazzareno Seguna. Illi ghalkemm il-Bord mhux konvint li tul il-perjodu ta' hajjitha kollha hija kienet qed tghix fil-fond *de quo*, l-istess jemmen li hija irnexxiet, tal-anqas fuq livell ta' probabbilita', li fl-ahhar snin qabel il-mewt ta' missierha hija kienet qed tabita mieghu u li l-fond mertu ta' dawn il-proceduri kien ir-residenza ordinarja taghha u li ma kienx hemm residenza ohra fejn hija kienet qed tghix. Il-Bord wasal ghal din il-konkluzjoni mhux biss fuq il-fatt kif relatat mill-intimat strss, izda wkoll meta tqis l-assjem ta' dak dikjarat kemm mill-familjari taghha kif ukoll minn konoxxenzi ohra wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni wahda, ossija li qabel il-mewt tieghu, il-wild Jasmine Seguna kienet qed tiehu hsieb missierha li kien jghix mal-partner tieghu Mary Anne Saffrett. Barra minn

hekk jidher ukoll li hija ghanda salarju prekarju u ghalhekk mhux xi haga barra minn ewl id-dinja li wiehed jirritorna mal-genitur tieghu ladarba ikun qed isibha difficli jhallas il-*loan* u l-affarijiet l-ohra tal-hajja.

Ghaldaqstant, il-Bord ihoss li gew sufficentement ippruvati iz-zewg kriterji necessarji kif kienet il-ligi *in vigore* fi zmien li giet intavolata din il-kawza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Bord pero' ma jistax jieqaf hawn u anki jekk kellu jikkonsidra biss l-artikolu 1531F tal-Kodici Civili bhala il-bazi ta' din il-vertenza[25], liema artikolu thassar permezz tal-Att Nru. XXIV tal-2021 irid jikkunsidra ukoll is-segwenti kunsiderazzjonijiet li kompliet taghmel is-sentenza hawn fuq citata f'pagna 12.

> *'**Illi hemm ukoll punt iehor importanti hafna** li jwassal lill-Qorti biex tilqa' it-talba tal-attur. Skond l-artikolu 1531F, li fuqu jistrieh il-konvenut, u li japplika ghall-kazijiet bhal dak odjerni fejn l-inkwilini originali jkun miet wara l-2010, il-persuna li tkun trid tibbenefika minn dak l-artikolu trid ukoll tissodisfa t-test impost mill-mezzi ndikati mill-Ministru responsabbli f' Regolamenti mahruga apposta- dawn in effetti saru permezz tal-Avviz Legali numru 463 tal-2011 kif sussegwentement emendati.*
>
> *Illi dan ir-rekwizit irid jirrizulta lill-Qorti, u kwindi billi jkun allegah il-konvenut, irid ikun hu li jressaq il-provai dwaru u dwar dan il-konvenut ma ressaq l-ebda prova. **Min jallega jrid jipprova jew- 'Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui***

[25] Dan l-artikolu kien il-bazi tar-risposta ta' JasminE Seguna ghar-rikors tar-rikorrenti.

***negat'** kif jghid car u tond l-artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f' diversi sentenzi '**Dr. H. Leneicker vs J. Camilleri** deciza mill-Prim' Awla fil-31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit- 2 ta' Mejju 1995)*[26].

Illi ma jirrizultax mill-provi li l-intimata Jasmine Seguna issoggettat ruha ghal tali test biex allura kienet jew tal-anqas setghet tikkwalifika ghall-protezzjoni li kien jikkontempla l-allura artikolu 1531F. U ghalhekk fuq dan d-difiza taghha tfalli.

Ghaldaqstant il-Bord kieku kellu biss jikkonsidra dak li kien jikkontempla l-allura artikolu 1531F kellu jordna l-izgombru tal-inkwlina peres li missierha miet wara 2010 u hija naqset li tipprova dak li kien rikjest minnha fl-avviz legali 463 tal-2011 kif sussegwentement emendat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-artikolu (2) tal-Kap 69 prezentement jaqra hekk:

> **"kerrej" tfisser ukoll:**
>
> **(a) fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni:**
>
> **(i) dik il-persuna li tkun ġiet rikonoxxuta bħala l-kerrej skont xi liġi validament fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju 2021;**

---

[26] Ara ukoll fuq l-istess tema **Adrian Chetcuti u Josephine Chetcuti vs Raymond Vella** (Cit. Nru. 1165/2011) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2014 per Onr. Imhallef Joseph Azzopardi.

**……………………………………………………………..**

> **Iżda wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2021 dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati, l-ebda persuna li ma tkunx għadha ġiet rikonoxxuta bħala kerrej ta' dar ta' abitazzjoni sa dik id-data magħandha tikkwalifika bħala kerrej ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ħlief għal dawk li jikkwalifikaw skont is-subparagrafi (ii) u (iii):**
>
> **Iżda wkoll persuni li ma jikkwalifikawx taħt is-subparagrafi (i), (ii) u (iii), u li kienu joqogħdu fid-dar ta' abitazzjoni għal erbgħa (4) mill-aħħar ħames (5) snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 u li baqgħu jgħixu mal-kerrej sad-data ta' mewtu għandhom ikomplu jokkupaw id-dar ta' abitazzjoni għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tal-mewt tal-kerrej, u fit-tmiem ta' dak il-perjodu għandhom jivvakaw l-imsemmija dar ta' abitazzjoni. Il-kumpens għall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni li għandu jkun pagabbli lis-sid matul il-perjodu msemmi hawn qabel għandu jkun daqs l-ogħla ammont ta' kera li seta' kien pagabbli mill-kerrej:**

Issa bint l-inkwilin rikonoxxut, ossija Nazzareno Seguna, ovvjament la taqa' taht id-definizzjoni l-armla u lanqas oht id-defunt u qatt ma giet rikonnoxxuta mir-rikorrenti bhala l-kerrejja il-gdida wara l-mewt ta' missierha. Lanqas ma jista' jinghad li kellha xi protezzjoni mill-ligi qabel l-**1 ta' Gunju 2021** ghax kif diga' intqal hija ma ghamiltx jew tal-anqas ma ippruvatx quddiem dan il-Bord li kienet ghamlet u li tissodisfa il-kriterji stabiliti mill-Avviz Legali 436 tal-2011.

Ghaldaqstant, il-Bord anki kieku kellu jiehu in konsiderazzjoni l-applikabilita' tal-artikolu 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhossx li Jasmine Seguna hija koperta bil-ligi u allura il-prezenza taghha fil-fond hija b'xi mod wahda legittima.

Irid ukoll jinghad li anki kieku kien japplika il-provizo hawn fuq citat, ossija li ghalkemm ma' japplikawx is-subinciz (i), (ii) u (iii) ghalija u peress li hija kienet toqghod fid-dar ma' missierha ghal erbgha (4) mill-ahhar (5) snin qabel l-1 ta' Gunju 2008, allura kellha diga' tivvaka il-fond ghax ghaddew akat minn hames (5) snin minn meta miet Nazzareno Seguna.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed (1) Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u (2) Jordna lill-intimata Jasmine Seguna tizgombra mill-fond numru 76 (gja' bin-numru 55) f'Sacred Heart Street, Paola, u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' tlett xhur mil-lum.

Spejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tal-intimata hlief ghal dawk ta' Mariella Seguna li huma a karigu tar-rikorrenti.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur